MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 2184/1995/1

**Andrew u Nadia konjugi Ghigo**

**vs**

**Direttur Generali (Drainage Department)**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-12 ta' Dicembru 1995 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew:

Illi fit- 28 ta' Settembru, 1995 zbroffa d-drenagg mill-manhole li tinsab that l-art tal-garage "Tal-Gilju", Kirkop Road, Mqabba, proprieta' tal-attur liema garage hu adjacenti ghall-fond residenzjali tal-istanti;

Illi kif iccertifikat mill-Perit Herbert Debono, inkarigat mill-esponenti, il-katusi tad-drenagg ma felhux jiehdu l-ammont ta’ drenagg u ilma tax-xita li ghadda minn gol-mini, bir-rizultat li gholla u qala minn postha l-blokka tal-konkos  bit-tappiera b’kollox;

Illi b’effett tal-izbruffar u perkolazzjoni tad-drenagg inqalghat l-art tal-konkos tal-garage u saru bosta hsarat ohra kemm fl-istess garage kif ukol fil-fond residenzjali “Nadand” oltre danni ohra konsiderevoli fil-vetturi, ingenji, makkinarju u ghodda li l-istanti kellu sitwati fil-fond tieghu;

Illi l-konvenut, nonostante li gie interpellat biex jirrizarcixxi lill-istanti d-danni minnom sofferti, baqa inadempjenti;

Talbu li din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-danni sofferti mill-istanti fil-proprieta’ taghhom immobiljari u mobiljari minhabba l-izbroffar u dhul tad-drenagg fil-fond taghhom f’Kirkop Road, Imqabba, saru bi htija tal-konvenut;

2. Tillikwida, okkorrendo bl-operat ta’ periti nominandi, id-danni sofferti mill-atturi;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi l-ammont hekk likwidat in linea ta’ danni;

Bl-interessi u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas- 17 ta’ Novembru, 1995 u tal-ittra interpellatorja tas- 6 ta’ Novembru, 1995, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

Illi huwa m’huwiex responsabbli ghad-danni allegati mill-atturi u ma jirrispondix ghar-risarciment ta’ l-istess;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tal-24 ta' April 1996 li permezz tieghu gie nominat l-A.I.C. Rene` Buttigieg bhala perit tekniku biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tat-12 ta' Mejju 1999, moghti wara li l-perit tekniku kien diga` pprezenta r-relazzjoni tieghu fuq rikors tal-konvenut tal-5 ta' Marzu 1999, u li permezz tieghu l-process gie rimess lill-perit tekniku sabiex izomm seduta wahda biex jisma' x-xhieda godda tal-konvenut u jezamina d-dokumenti li ghandhom jigu prodotti u jirelata ulterjorment jekk l-ammont likwidat minnu bhala danni ghandux jigi varjat;

Rat ir-relazzjoni pprezentata fil-5 ta' Frar 1999 u li giet debitament malufa fid-19 ta' Novembru 1999;

Rat ir-relazzjoni ulterjuri tal-perit tekniku pprezentata fl-20 ta' Novembru 2001 u mahlufa fit-23 ta' Jannar 2002;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Mill-provi jirrizulta li l-attur huwa proprjetarju tal-fond "Nadand" u tal-garage adjacenti "Tal-Gilju" f'Kirkop Road, Mqabba. Minn taht din il-proprjeta` ghaddejja l-medda ewlenija tas-sistema tad-drenagg tal-Gvern li gejja mill-Qrendi f'sistema ta' mini taht l-art li tinbidel f'medda ta' katusi fi trinka, mhaffra u mirduma, ezatt f'manhole sitwat taht l-art tal-garage. L-attur u membri ohra tal-familja tieghu kienu jinsistu mad-Dipartiment koncernat biex din is-sistemazzjoni tad-drenagg tigi rimedjata izda baqa' ma sar xejn. Fit-28 ta' Settembru 1995 nizlet kwantita` ta' xita fi zmien qasir u l-katusi ma felhux ghall-ammont ta' drenagg u ilma tax-xita ghaddej mill-mini b'konsegwenza li nqalghet il-blokka tal-konkos bit-tappiera b'kollox fil-garage, sbroffa u gharraq ghal gholi ta' erba' filati l-garage

kollu u ghamel hsara fejn lahaq. Din il-kawza qed issir biex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi dawk id-danni li jigu likwidati minn din il-Qorti.

Fin-nota ta' eccezzjonijiet tieghu l-konvenut jillimita ruhu biex ighid li mhuwiex responsabbli ghad-danni u fid-dikjarazzjoni annessa jallega li hemm indikazzjoni ta' *casus* jew ta' fatt ta' terzi. Mill-provi li tressqu pero`, dak li qieghed jallega l-konvenut mhuwiex sostnut. Michael Ghigo, hu l-attur, xehed li mar diversi drabi fid-Dipartiment tad-Drenagg fejn gie nfurmat li kienet ser issir devjazzjoni tas-sistema tad-drenagg. L-attur xehed li jekk jiftakar sew l-ilment taghhom nbeda fl-1987, u dan huwa kkonfermat ukoll minn huh Michael Ghigo li jsemmi okkazjoni precedenti fejn kien hemm imblokk tad-drenagg minhabba l-hmieg ta' l-irziezet tal-majjali u, fuq insistenza tieghu u ta' l-attur, kienu gew haddiema tad-Dipartiment biex jifthu l-ispiera. Meta fethuha sbroffa d-drenagg u hammeg it-triq kollha. Ix-xiehda taghhom ma gietx kontradetta. Dak li gara ghalhekk kien biss rizultat tan-nuqqas ta' azzjoni da parti tal-konvenut. Difatti wara li gara l-incident in kwistjoni, haddiema tad-Dipartiment imlew il-bokka bil-konkos u b'hekk ghalquha kompletament. F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk il-konvenut ghandu jitqies responsabbli ghad-danni kollha li sofrew l-atturi.

Fir-relazzjoni tiegu l-perit tekniku stqarr li mill-provi mismugha, huwa ta' l-opinjoni li l-hsara li giet riskontrata mill-Perit Herbert Debono meta mar fuq il-post hamest ijiem wara l-incident u kif in parti kkonfermata mill-Inginier Paul Gatt u mir-ritratti esebiti mill-atturi, ghandha tigi accettata bhala veritjera u attwali fi zmien ta' l-ispezzjoni. Il-hsarat li l-Perit Debono elenka fir-rapport tieghu (a fol. 17 tal-process) huma s-segwenti:

"1) Qala' l-art tal-konkos tal-garage u r-rampa, f'medda ta' ghaxar qasab kwadri.
2) L-irdim bejn il-pedamenti tal-garage hu mxarrab u jinten.
3) Hareg iz-zejt mill-magni li kien hemm fl-art tal-garage u dan iz-zejt gera mal-ilma u hammeg f'diversi nhawi l-hitan.
4) Hammeg il-bir u l-ilma li kien fih.

5) Id-drenagg imhallat ma' l-ilma tax-xita ghadda minn bejn il-fili tal-hajt li jifred il-garage mill-intrata/tromba tat-tarag tad-dar 'Nadand'. F'xi nhawi jidher li l-water paint tinqsam u tinbezaq."

Dwar id-danni l-perit tekniku ghamel is-segwenti osservazzjonijiet:

" a) Billi mal-hajt u mal-bieb ghad hemm is-sinjali tal-livell sa fejn ghola id- drenagg, it-talba attrici ghall-hlas ta' Lm40- biex il-hitan jitnaddfu u jitbajjdu bil-gir hija bbazata. Is-sinjali huma xi 3`6`` ghola mill-art.

b) Huwa naturali li bil-pressa li kien hemm fil-garage, id-drenagg spicca ukoll fil-bitha, u li ghalhekk spicca ukoll fil-bir, li tieghu l-ilma thammeg u kien jehtieg li jimbidel.
L-esponent setgha jikkonstata illi l-giebja attwalment hi kwazi zvujtata, billi ghadha ma gietx ripristinata biex tintuza, liema xoghol wara li jitlesta jehtieg l-approvazzjoni mid-Duipartiment tas-Sanita.
L-esponent huwa tal-opinjoni li l-ispiza nvoluta fil-process kollu, biex dan jigi finalizzat u l-bir jintela bl-ilma ghall-uzu wkoll tax-xorb huwa ta' mitt lira Maltija……………………………………………Lm100.00,0.
c) L-esponent ikkonstata, waqt l-access tieghu li minkejja li l-irdim kien ixxarrab u kien jinten, dan gie mibdul biss f'parti zghira minnu, u ghalhekk l-istima preventiva tal-perit Debono ta' Lm60- tirrizulta gholja u l-esponent qieghed jirriduciha ghal ghoxrin lira Maltija…..LM20.00,0.
d) Huwa fatt li bl-ilma li kien hemm fil-garage, l-art inqalghet inparti, u f'dan ir-rigward l-esponent jaqbel mal-kontenut tar-rapport tal-Perit Debono, izda jidhirlu li billi l-bieb tal-garage kien maghluq, u biex jinfetah kellu jintuza trukk, huwa inverosimili li l-art tar-rampa inqalghet ukoll.
Inoltre jirrizulta li meta saret mill-gdid, l-art ta' parti mill-garage, din inghatat konkos, bla xibka u ghalhekk l-esponent jistma l-valur tax-xoghol esegwit biex inghatat l-art b'konkos biss, f'area ta' sitt qasab kwadri fis-somma ta' mija u ghoxrin lira Maltija, (Lm120-) liema somma tinkludi wkoll il-qlugh tal-art mifqugha li kien hemm u l-garr tal-materjal minnha provenjenti.

e) Illi gie kkonstatat li l-inspection fil-garage kien sitwat ma gemb il-hajt divizorju bejn il-garage u t-tromba tat-tarag, li sservi wkoll ta' intrata tal-fond "Nadand", u li ghalhekk parti mill-likwidu bid-drenagg ghadda minn gol-fili tal-istess hajt divizorju u spicca f'din l-istess tromba, u hammeg il-hitan fil-parti t'isfel taghhom.
L-esponent huwa tal-opinjoni li l-ispiza ta' Lm30- biex il-hitan tat-tromba jinzebghu bil-"waterpaint" bix-xoghol preliminari mehtieg, hi gjustifikata.
f) L-esponent ma jaqbilx mal-istima ta' Lm70- attribwita mill-Perit Debono bhala kumpens talli l-garage ma baqghax jintuza ghall-iskop tieghu ma tul iz-zmien li ttiehed biex fih isiru t-tiswijiet.

Illi l-esponent jikkalkola "arbitrio boni viri" a bazi tax-xhieda u provi prodotti mill-partijiet li x-xogholijiet ta' tiswija u ripristinar tal-garage, biex dan setgha jerga jintuza damu xi hmistax il-gurnata.

Infatti, r-rapport tal-Perit Debono sar gimgha wara li gara l-incident (fit- 28 ta' Settembru 1995), waqt li dak, Dok. XX tal-Ingenjier Paul Gatt, sar fis- 16 ta' Ottubru, 1995, u minnu jirrizulta li x-xoghol rimedjali biex il-"manhole" tinsadd, kien tlesta.

L-esponent huwa tal-opinjoni li l-garage tal-attur jintuza principalment ghal dan l-uzu specifiku, u cioe biex fih kien izomm il-vettura "Mitsubishi" u t-Trukk "Bedford".

Illi ghalhekk fil-perjodu in kwistjoni, it-tbatija li sofra l-attur kienet principalment derivanti mill-fatt li dawn il-vetturi ma setghux jinzammu fl-istess garage u f'parti minn dal-perjodu kellhom jinhargu lu jithallew barra mill-garage.

L-esponent huwa tal-opinjoni, li ghal dan id-disturb u tbatija, l-attur ghandu jigi kkompensat b'somma ta' tnejn u ghoxrin lira Maltija u hamsin centezmu ……………………………………………..LM22.50-

Illi ghaldaqstant il-kumpens totali, li ghalih l-attur, fl-opinjoni tal-esponent ghandu dritt huwa fis-somma ta' tlett mija tnejn u tletin lira Maltija u hamsin centezmu

(Lm332.50) li flimkien mal-imposta tal-VAT fis-somma ta’ disgha u erbghin lira Maltija u tmienja u tmenin centezmu (Lm49.88-), jammontaw ghal tlett mija tnejn u tmenin lira Maltija u tmienja u tletin centezmu (Lm382.38).

Illi dwar id-danni l-ohra fil-vetturi u fl-attrezzi u ghodda li kien hemm fil-garage li dwarhom gew ipprezentati rapporti u stimi a fol. 19 sa 24 tal-process, l-esponent jirrileva illi min-naha konvenuta l-Ingenjier Paul Gatt ikkonferma li 'l-karozzza gewwa u l-van barra mill-garage' kellhom hsarat (fol. 4 tal-verbali) waqt li l-Perit Philip Grech, a fol. 11, ikkonferma li '… l-kont tad-danni mitluba mill-attur bghatthom lid-Dipartiment tal-Manifattura u Servizzi ghal kontroll taghhom' pero` fil-kors ta’ produzzjoni ta’ provi u xhieda, in-naha konvenuta ma kkontestatx l-istess stimi eskluza il-possibilita li giet indikata fl-ahhar seduta (a fol. 29) fejn l-esponent gie awtorizzat jirrelata, 'salv il-bzonn ta’ verifika ta’ xi dokumenti min-naha konvenuta'".

Dwar il-hsara fl-oggetti mobbli, l-attur esebixxa ma' l-affidavit tieghu kopji tas-segwenti:

1. Rapport tas-surveyor Natalino Agius fejn jindika li l-karrozza Mitsubishi Lancer U-6562 tista' titqies bhala *total loss* u li l-*pre-accident value* taghha kien ta' madwar Lm6000 u l-valur attwali huwa ta' Lm800 ghal spare parts.
2. Rapport ta' Natalino Agius dwar il-*pre-accident value* ta' Truck T-1371 fl-ammont ta' Lm900 u valur attwali ta' Lm150.
3. Stima ta' Farrugia Woodworks ghall-bieb ta' barra fl-ammont ta' bejn Lm400 u Lm480.
4. Dikjarazzjoni ta' Taddeo Bonnici dwar il-hsara f'power tools fl-ammont ta' madwar Lm1000 sa Lm1400.
5. Ircevuta dwar pagament lil Taddeo Bonnici fl-ammont ta' Lm35.

Rigward il-bieb ta' barra, il-perit tekniku fir-relazzjoni addizzjonali tieghu kkonkluda li sabiex dan jigi ghas-sitwazzjoni pristina tieghu tinhtieg spiza ta' Lm90. Dwar l-oggetti l-ohra ddikjara ruhu mhux kompetenti biex jipprezenta stima taghhom.

Dwar il-power tools, il-Qorti tirreferi ghax-xiehda ta' Taddeo Bonnici fis-seduta peritali tal-15 ta' Settembru 2000. Huwa qal li l-istima ta' l-ghodda li huwa ezamina, u li kienet uzata, hi bazata fuq il-valur taghhom biex jinxtraw fi zmien ta' l-istima. L-oggetti li huwa ezamina, fl-istat li kienu mgharrqin fil-hama, igarrbu hsara internament u ghalhekk kienu jinhtiegu li jigu rimpjazzati. Meta wiehed jikkunsidra li l-istima saret fit-2 ta' Ottubru 1995, jigifieri tmien snin ilu, huwa ragonevoli li jigi likwidat ammont ta' Lm1200.

Dwar il-Mitsubishi Lancer il-konvenut jilmenta fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu li mill-provi jirrizulta li din il-karrozza giet importata fl-10 ta' Jannar 1991 u li giet registrata bil-pjanci fis-17 ta' Jannar 1992. Barra minn hekk l-ewwel polza harget f'Jannar 1992 fuq il-valur ta' Lm4500 u Lm400 ghal roti u radio addizzjonali. Natalino Agius xehed fis-seduta peritali tal-11 ta' Mejju 2001 li biex wasal ghall-valur tal-vetturi ndaga l-prezz ta' kemm tkun sejra vettura ta' l-istess marka fis-suq, fil-gurnata li jkun spezzjona. Emmanuel Galea, manager ta' l-Independent Insurance, qal in kontro-ezami li ma jeskludix li karrozza jkollha valur aktar fis-suq mill-*insurable value* li jaghtu huma. F'dan il-kaz pero` ghandna karrozza li tliet snin qabel kienet inxtrat Lm4759 (ara xiehda ta' Brian Farrugia fis-seduta peritali tal-15 ta' Settembru 2000) u li, flimkien ma' l-accessorji, kienet giet assigurata ghall-prezz ta' Lm4900 (ara xiehda ta' Emanuel Galea fl-istess seduta peritali). Mehud kont ghalhekk certu ammont bhala deprezzament fil-valur tal-karrozza, il-*pre-accident value* qieghed jigi stabbilit fl-ammont ta' Lm4500 li minnu ghandu jitnaqqas Lm800 ghall-valur ta' parts wara l-incident, u cioe` Lm3700.

Dwar it-truck, wara li l-Qorti ezaminat ir-rapport u x-xiehda ta' Natalino Agius, ma ssib l-ebda diffikolta` biex taccetta l-istima ta' qabel l-incident ta' Lm900 bi tnaqqis tas-somma ta' Lm150 bhala valur wara l-incident. Ghalhekk fir-rigward tat-truck qed tillikwida s-somma ta' Lm750.

Id-danni li ghandhom jithallsu lill-atturi huma b'hekk is-segwenti:

1) Hsara fil-bini Lm 382.38
2) Karrozza Mitsubishi Lancer
3700.00
3) Truck Bedford 750.00
4) Bieb ta' barra 90.00
5) Power Tools 1000.00
6) Hlas lil Taddeo Bonnici 35.00
------------------
Total Lm 5957.38
------------------

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u ghalhekk:

(1) tiddikjara li d-danni sofferti mill-atturi fil-proprjeta` taghhom immobbiljari u mobiljari minhabba l-isbroffar u dhul ta' drenagg fil-fond taghhom f'Kirkop Road, Mqabba, saru bi htija tal-konvenut,
(2) tillikwida d-danni fl-ammont ta' Lm5957.38, u
(3) tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi din is-somma hekk likwidata ta' Lm5957.38 bl-imghax millum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------